# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/268

## tal-15 ta' Frar 2019

## li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 200/2010, (UE) Nru 517/2011, (UE) Nru 200/2012 u (UE) Nru 1190/2012 fir-rigward ta' ċerti metodi ta' ttestjar u teħid tal-kampjuni għas-*Salmonella* fit-tjur

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 fuq il-kontroll tas-*salmonella* u aġenti żoonotiċi oħra speċifiċi li jkun hemm ġewwa l-ikel ([1]) u, b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1), it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(1), u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 13 tiegħu,

Billi:

(1) L-għan tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003 huwa li jiżgura li jittieħdu miżuri għall-individwazzjoni u l-kontroll tas-*Salmonella* u aġenti żoonotiċi oħra fl-istadji rilevanti kollha tal-produzzjoni, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni, partikolarment fil-livell ta' produzzjoni primarja, biex titnaqqas il-prevalenza tagħhom u r-riskju tagħhom għas-saħħa pubblika.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 jistipula, b'mod partikolari, li jridu jiġu stabbiliti miri tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-prevalenza taż-żoonożi u aġenti żoonotiċi elenkati fl-Anness I tiegħu fil-popolazzjonijiet tal-annimali elenkati fih. Dan jistabbilixxi wkoll ċerti rekwiżiti għal dawk il-miri.

(3) Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nru 200/2010 ([2]), (UE) Nru 517/2011 ([3]), (UE) Nru 200/2012 ([4]) u (UE) Nru 1190/2012 ([5]) jistipulaw ir-rekwiżiti għat-teħid tal-kampjuni u l-ittestjar li huma neċessarji biex jiġi żgurat monitoraġġ armonizzat fil-ksib tal-miri tal-Unjoni għas-*Salmonella* fil-popolazzjonijiet tat-tjur stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 2160/2003.

(4) Dan l-aħħar, il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni u l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni rrivedew għadd ta' metodi ta' referenza u protokoll biex jivverifikaw il-konformità mar-Regolamenti (UE) Nru 200/2010, (UE) Nru 517/2011, (UE) Nru 200/2012 u (UE) Nru 1190/2012 u għalhekk dawn ir-regolamenti hemm bżonn li jiġu aġġornati skont dan. L-aġġornament jenħtieġ jikkonċerna b'mod partikolari r-rekwiżiti għall-użu ta' metodi alternattivi fid-dawl tal-protokoll ta' referenza ta' standard rivedut EN ISO 16140-2 (validazzjoni ta' metodi alternattivi) u l-metodu ġdid ta' referenza għall-individwazzjoni tas-*Salmonella* (EN ISO 6579-1).

([1]) ĠU L 325, 12.12.2003, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 200/2010 tal-10 ta' Marzu 2010 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mira tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-prevalenza tas-serotipi ta' *Salmonella* f'qatgħat ta' adulti għat-tgħammir ta' *Gallus gallus* (ĠU L 61, 11.3.2010, p. 1).
([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 517/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament u tal-Kunsill dwar mira tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-prevalenza ta' ċerti serotipi tas-*Salmonella* fit-tiġieġ għall-bajd tat-tip *Gallus gallus* u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2160/2003 u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 200/2010 (ĠU L 138, 26.5.2011, p. 45).
([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 200/2012 tat-8 ta' Marzu 2012 li jikkonċerna mira tal-Unjoni għat-tnaqqis tas-Salmonella *enteritidis* u s-Salmonella *typhimurium* f'qatgħat tal-brojlers, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 71, 9.3.2012, p. 31).
([5]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1190/2012 tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar mira tal-Unjoni għat-tnaqqis tas-*Salmonella Enteritidis* u s-*Salmonella Typhimurium* f'qatgħat tad-dundjani, kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 340, 13.12.2012, p. 29).

(5) Metodi alternattivi vvalidati b'mod xieraq skont il-metodi ta' referenza jridu jitqiesu bħala ekwivalenti għall-metodi ta' referenza. Bħalissa, l-użu tal-metodi alternattivi huwa limitat għall-operaturi tan-negozji tal-ikel skont il-punt 3.4 tal-Annessi tar-Regolamenti (UE) Nru 200/2010, (UE) Nru 517/2011, (UE) Nru 200/2012 u (UE) Nru 1190/2012. Madankollu, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ ukoll li jkollhom il-possibbiltà li jużaw metodi alternattivi, peress li ma hemm l-ebda raġuni biex jiġi limitat l-użu tal-metodi alternattivi vvalidati b'mod xieraq għall-operaturi tan-negozji tal-ikel biss.

(6) It-teħid tal-kampjuni rappreżentattiv għall-kontroll tas-*Salmonella* f'qatgħat tat-tiġieġ li jbidu u tiġieġ għat-tnissil tal-*Gallus gallus* mhux dejjem prattiku fil-każ ta' barrakki arrikiti li għandhom gaġeġ u fil-każ ta' barrakki b'ħafna saffi mingħajr gaġeġ b'ċinga tad-demel bejn kull saff, li huma dejjem aktar użati biex jinżammu dawn it-tjur. Għalhekk huwa xieraq li tiġi permessa proċedura alternattiva tat-teħid tal-kampjuni, li tipprovdi soluzzjoni prattika għat-teħid tal-kampjuni minn dawn il-qatgħat filwaqt li tinżamm is-sensittività mill-inqas ekwivalenti għall-proċeduri tat-teħid tal-kampjuni ta' issa.

(7) Huwa xieraq li tiġi stabbilita dispożizzjoni tranżitorja li tagħti biżżejjed żmien lill-operaturi tan-negozji tal-ikel biex jadattaw jew jirrevedu l-istandards il-ġodda tas-CEN/ISO. Id-dispożizzjoni tranżitorja tippermetti wkoll lill-operaturi tan-negozji tal-ikel li jnaqqsu l-piż għall-validazzjoni ta' metodi alternattivi skont il-verżjoni l-ġdida EN ISO 16140-2 dwar il-laboratorji u dwar il-manifatturi tal-kit tat-test, peress li xi ċertifikati preċedenti, ibbażati fuq l-istandard ISO 16140:2003, jistgħu jkunu għadhom validi sa tmiem is-sena 2021.

(8) Għaldaqstant, ir-Regolamenti (UE) Nru 200/2010, (UE) Nru 517/2011, (UE) Nru 200/2012 u (UE) Nru 1190/2012 jenħtieġ li jiġu emendati skont dan.

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emendi tar-Regolament (UE) Nru 200/2010**

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 200/2010 huwa emendat skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

**Emendi tar-Regolament (UE) Nru 517/2011**

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 517/2011 huwa emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

**Emendi tar-Regolament (UE) Nru 200/2012**

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 200/2012 huwa emendat skont l-Anness III ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 4*

**Emendi tar-Regolament (UE) Nru 1190/2012**

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 1190/2012 huwa emendat skont l-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 5*

**Dispożizzjoni tranżitorja**

Sal-31 ta' Diċembru 2021, l-operaturi tan-negozji tal-ikel jistgħu japplikaw il-metodi msemmija fil-punti 3.2 u 3.4 tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 200/2010, fil-punti 3.2 u 3.4 tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 517/2011, fil-punti 3.2 u 3.4 tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 200/2012 u fil-punti 3.2 u 3.4 tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 1190/2012 applikabbli qabel ma ġew emendati bl-Artikoli 1 sa 4 ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 6*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Frar 2019.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS I*

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 200/2010 huwa emendat kif ġej:

(1) Fil-punt 2.2.2.1, jiżdiedu l-punti (d) u (e) li ġejjin:

"(d) Fil-barrakki li għandhom gaġeġ fejn ma jakkumulax ammont suffiċjenti ta' feċi fuq il-barraxi jew fis-sistemi ta' tindif fit-tarf taċ-ċineg fejn isir ir-rimi, għandhom jintużaw erba' biċċiet niedja tat-tessut jew aktar b'mill-inqas 900 $cm^2$ għal kull tajjara, imxarrba bl-użu ta' dilwenti adatti (bħal 0,8 % klorur tas-sodju, 0,1 % pepton f'ilma sterili dejonizzat, ilma sterili jew kwalunkwe dilwent ieħor approvat mill-awtorità kompetenti biex titmesaħ erja kbira kemm jista' jkun kbira mit-truf taċ-ċineg kollha aċċessibbli wara li jkunu tħaddmu filwaqt li jiġi żgurat li jinksew iż-żewġ naħat ta' kull tajjara b'materjal fekali miċ-ċineg u mill-barraxi jew mis-sistemi tat-tindif taċ-ċineg.

(e) F'matmura b'ħafna saffi jew f'barrakki għat-trobbija fil-beraħ li fihom il-parti l-kbira tal-materjal fekali jitneħħa mill-ġaġġa b'ċineg għat-twaqqiegħ tal-ħmieġ, għandhom jinġabru par wieħed ta' tajjar mill-buz billi wieħed jimxi f'żoni maħmuġa skont il-punt (b) u ta' mill-inqas biċċtejn niedja tat-tessut bħala tajjar bl-idejn miċ-ċineg għat-twaqqiegħ tal-ħmieġ aċċessibbli kollha, bħal fil-punt (d)."

(2) Fil-punt 3.1, jiżdied il-punt 3.1.5 li ġej

"3.1.5. Fil-każ tal-ġbir tal-biċċiet tat-tessut skont il-punt 2.2.2.1(d) jew par wieħed ta' tajjar mill-buz u biċċtejn niedja tat-tessut b'mod konformi ma' 2.2.2.1 (e), il-ġbir għandu jsir f'konformità mal-punt 3.1.3 (b)"

(3) Fil-punt 3.2, l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-individwazzjoni tas-*Salmonella* spp. għandha titwettaq skont l-EN ISO 6579-1."

(4) Il-punt 3.4. huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3.4. **Metodi alternattivi**

Jistgħu jintużaw metodi alternattivi minflok il-metodi għall-individwazzjoni u għall-klassifikazzjoni fuq il-bażi tas-serotipi previsti fil-punti 3.1, 3.2 u 3.3 ta' dan l-Anness, jekk ivvalidati skont l-EN ISO 16140-2 (għal metodi alternattivi ta' individwazzjoni)."

*ANNESS II*

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 517/2011 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-punt 2.2.1. huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2.2.1. It-teħid tal-kampjuni mill-operatur kummerċjali tal-ikel

(a) F'qatgħat li jinżammu fil-gaġeġ, għandhom jittieħdu 2 × 150 gramma ta' ħmieġ magħqud b'mod naturali li akkumula fuq il-barraxi jew fuq is-sistemi tat-tindif taċ-ċineġ, miċ-ċineg jew il-barraxi kollha li hemm fil-gaġġa wara li titħaddem is-sistema tat-tneħħija tad-demel; madankollu, fil-każ ta' barrakki li għandhom gaġeġ mingħajr barraxi jew ċineg, iridu jinġabru 2 × 150 gramma ta' ħmieġ frisk imħallat minn 60 post differenti fejn jaqa' l-feċi, taħt il-gaġeġ.

F'barrakki li għandhom gaġeġ fejn ma jakkumulax ammont suffiċjenti ta' feċi fuq il-barraxi jew fuq is-sistemi ta' tindif taċ-ċineg fit-tarf taċ-ċineg, għandhom jintużaw erba' imselħiet niedja jew aktar tad-drapp ta' mill-inqas 900 cm$^2$ għal kull imselħa biex tintmesaħ erja kemm jista' jkun fi tarf taċ-ċineġ kollha aċċessibbli wara li jkun tħaddmu, filwaqt li jiġi żgurat li ż-żewġ naħat ta' kull imselħa jkunu miksija b'materjal fekali miċ-ċineg u mill-barraxi jew mis-sistemi tat-tindif taċ-ċineg.

(b) Fil-każ ta' matmura jew barrakki għat-trobbija fil-beraħ, għandhom jinġabru żewġ pari kampjuni mill-bwiez jew mill-kalzetti.

L-imselħiet tal-kampjun mill-bwiez għandhom ikunu jassorbixxu biżżejjed biex jixorbu l-umdità. Il-wiċċ tal-imselħa tal-kampjun mill-bwiez trid tkun niedja bid-dilwenti apposta.

Il-kampjuni jridu jittieħdu billi wieħed jgħaddi mill-bini u juża rotta li tipproduċi kampjuni rappreżentattivi tal-partijiet kollha tal-bini jew tas-settur rispettiv. Dan għandu jinkludi żoni maħmuġa jew miksija bil-paletti ladarba l-paletti jkunu sikuri biex wieħed jimxi fuqhom, iżda mhux l-erjas barra mill-gaġġa fil-każ ta' qatgħat li jkollhom aċċess għall-beraħ. Fit-teħid tal-kampjuni għandhom ikunu inklużi l-gallinari separati kollha li jkun hemm fil-bini. Meta jitlesta t-teħid ta' kampjuni fis-settur magħżul, l-imselħiet tal-kampjun mill-bwiez iridu jitneħħew bil-galbu sabiex ma jinqala' l-ebda materjal imwaħħal.

F'matmura b'ħafna saffi jew f'barrakki għat-trobbija fil-beraħ fil-beraħ li fihom il-parti l-kbira tal-materjal fekali jitneħħa mill-ġaġġa b'ċineg tal-ħmieġ, għandhom jinġabru par wieħed ta' kampjun mill-buz billi wieħed jimxi f'żoni mifruxa u, ta' mill-inqas, it-tieni par ta' mselħa niedja tad-drapp miċ-ċineg għat-twaqqiegħ tal-feċi aċċessibbli kollha, bħal fit-tieni paragrafu tal-punt (a).

Iż-żewġ kampjuni jistgħu jinġabru flimkien biex jiffurmaw kampjun wieħed għall-ittestjar."

(2) Fil-punt 3.1, jiżdied il-punt 3.1.1. li ġej:

"3.1.3. Fil-każ tal-ġbir ta' mselħiet mid-drapp skont it-tieni paragrafu tal-punt 2.2.1(a), il-ġbir għandu jsir skont il-punt 3.1.1."

(3) Fil-punt 3.2, l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-identifikazzjoni tas-*Salmonella* spp. għandha titwettaq skont l-EN ISO 6579-1."

(4) Il-punt 3.4. huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3.4. **Metodi alternattivi**

Jistgħu jintużaw metodi alternattivi minflok il-metodi għall-identifikazzjoni u għas-serotipar previsti fil-punti 3.1, 3.2 u 3.3 ta' dan l-Anness, jekk ivvalidati skont l-EN ISO 16140-2 (għal metodi alternattivi ta' identifikazzjoni)."

*ANNESS III*

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 200/2012 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-punt 3.2. huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3.2. **Il-metodu tal-individwazzjoni**

L-individwazzjoni tas-*Salmonella* spp. għandha titwettaq skont l-EN ISO 6579-1."

(2) Il-punt 3.4. huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3.4. **Metodi alternattivi**

Jistgħu jintużaw metodi alternattivi minflok il-metodi għall-identifikazzjoni u għas-serotipar previsti fil-punti 3.1, 3.2 u 3.3 ta' dan l-Anness, jekk ivvalidati skont l-EN ISO 16140-2 (għal metodi alternattivi ta' identifikazzjoni)."

*ANNESS IV*

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 1190/2012 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-punt 3.2. huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3.2. **Il-metodu tal-individwazzjoni**

L-individwazzjoni tas-*Salmonella* spp. għandha titwettaq skont l-EN ISO 6579-1."

(2) Il-punt 3.4. huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3.4. **Metodi alternattivi**

Jistgħu jintużaw metodi alternattivi minflok il-metodi għall-identifikazzjoni u għas-serotipar previsti fil-punti 3.1, 3.2 u 3.3 ta' dan l-Anness, jekk ivvalidati skont l-EN ISO 16140-2 (għal metodi alternattivi ta' identifikazzjoni)."